**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tad-9 t’ Ottubru 2015

Talba Numru: 128/13

Numru fuq il-Lista: 4

**Christine Borda**
**K.I. 375073 (M)**

**vs**

**Joseph Borda**
**K.I. 55574 (M)**

It-Tribunal

**Preliminari**

Ra l-**Avviż tat-Talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fis-7 ta’ Marzu 2013 li permezz tiegħu, l-attriċi talbet mingħand il-konvenut il-ħlas tas-somma ta’ elf, disa’ mija, erbatax-il ewro u erbgħin ċenteżmu (€1,914.40c) premess illi:

1. Ir-rikorrenti u l-intimat huma llum divorzjati iżda kienu sseparaw permezz ta' kuntratt redatt fl-atti tan-Nutar Ritienne Bugeja Fenech, liema kuntratt ġie ffirmat bejn il-partijiet fl-għaxra (10) ta' Lulju tas-sena 2009;

2. Illi l-partijiet għandhom żewġt itfal, Neal u Sean Borda li huma minorenni;

3. Illi skont l-imsemmi kuntratt, senjatament klawsola li ġġib in-numru sebgħa (7), jipprovdi li oltre l-imsemmi manteniment, ir-raġel għandu jħallas waħdu għall-miżati u/jew donazzjonijiet tal-iskola, lezzjonijiet privati, kotba, trasport u uniformijiet tal-istess minuri u għas-servizzi mediċi meħtieġa minnhom li ma jiġux ipprovduti b'xejn mill-istat fi żmien raġonevoli;

4. Illi r-rikorrenti dejjem ħallset għal dawn l-ispejjeż minn butha u dan kif jirriżulta mill-annessi riċevuti li jkopru spejjeż li l-esponenti għamlet għall-minuri, liema spejjeż jammontaw għal elf, disa' mija, erbatax-il ewro u erbgħin ċenteżmu (€1,914.40c).

5. Illi l-esponenti anke għaddiet kopja ta' dawn l-irċevuti diversi drabi u ppruvat tasal mal-intimat b'mod bonarju iżda mingħajr suċċess.

6. Illi għalkemm interpellat diversi drabi sabiex iħallas dawn l-ammonti, l-intimat baqa' inadempjenti u dejjem irrifjuta li jħallashom mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi.

Għaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jogħġbu:

1. Jiddikjara li l-intimat Joseph Borda huwa debitur tar-rikorrenti fis-somma ta' elf, disa' mija, erbatax-il ewro u erbgħin ċenteżmu (€1,914.40c) rappreżentanti spejjeż ta' miżati u/jew donazzjonijiet tal-iskola, u/jew lezzjonijiet privati, u/jew kotba, u/jew trasport, u/jew uniformijiet tal-istess minuri u//jew għas-servizzi mediċi meħtieġa mill-minuri;

2. Jikkundanna lill-intimat sabiex iħallas l-imsemmija somma ta' elf, disa' mija, erbatax-il ewro u erbgħin ċenteżmu (€1,914.40c). Bl-imgħax legali mid-data ta' meta l-ammont kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u kif ukoll dawn tas-sekwestru ppreżentat kontestwalment ma' din il-kawża, kontra l-intimat li minn issa huwa nġunt insubizzjoni.

Ra r-**Risposta** tal-konvenut ippreżentata fit-22 ta' April 2013, fejn huwa eċċepixxa:

1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda peress illi l-esponent dejjem onora l-obbligu kuntrattwali tiegħu emerġenti mill-klawsola numru sebgħa (7) tal-kuntratt ta' separazzjoni, billi dejjem ħallas għall-miżati u/jew donazzjonijiet tal-iskola, kotba, trasport u uniformijiet tal-istess minuri, kif ukoll għas-servizzi mediċi meħtieġa minnhom u għaldaqstant l-esponent ma għandu jħallas xejn lir-rikorrenti;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-ammont reklamat mhuwiex dovut billi r-rikorrenti qed tirreklama spejjeż li mhix intitolata għalihom skont il-klawsola numru sebgħa (7) tal-kuntratt ta' separazzjoni;

3. Illi subordinatament għal dak premess, ir-rikorrenti għandha l-obbligu li tinforma lill-esponent dwar il-bżonnijiet tal-minuri qabel tinkorri l-ispejjeż għall-minuri, sabiex b'hekk l-esponent ikun jista' jagħżel li jixtri jew iħallas direttament għall-istess bżonnijiet indikati fi klawsola numru sebgħa (7). Ir-rikorrenti kisret dak pattwit.

4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti trid tressaq provi sodisfaċenti in sostenn tal-pretensjonijiet tagħha.

5. Illi l-eċċipjent m'għandux ibati l-ispejjeż ta' din il-kawża.

Salv eċċezzjonijiet oħra

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Sema' lix-xhieda.

Ra l-verbal tal-21 ta' Novembru 2014 fejn it-Tribunal iddikjara l-provi tal-konvenut magħluqa u l-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza.

**Fatti**

Il-partijiet flimkien huma ġenituri ta' żewġ minuri subien Sean u Neil, liema ulied jgħixu prinċiparjament mal-omm, bil-missier li jkollu aċċess regolari magħhom. Il-missier jivversa manteniment regolari mensilment u skont il-kuntratt ta' separazzjoni personali huwa dovut ukoll iħallas waħdu l-ispejjeż tas-saħħa u tal-edukazzjoni t' uliedu. Il-klawżola mertu tal-kwistjoni odjerna bejn il-partijiet tgħid hekk:

*"Il-partijiet jiftiehmu inoltre li, oltre l-imsemmi manteniment, ir-raġel għandu jħallas waħdu għall-miżati u/jew donazzjonijiet tal-iskola, lezzjonijiet privati, kotba, trasport u uniformijiet tal-istess minuri, u għas-servizzi mediċi meħtieġa minnhom li ma jiġux provduti b'xejn mill-Istat fi żmien raġjonevoli."*

Fil-kawża odjerna, l-attriċi qed titlob rifużjoni ta' spejjeż li hija għamlet għal uliedhom fuq medda ta' tliet snin f'dak li jirrigwarda l-ispejjeż tas-saħħa u tal-edukazzjoni. Hi ppreżentat numru ta' riċevuti in sostenn tat-talba tagħha.

Il-konvenut minkejja li jgħid li m'għandux problema jħallas għal uliedu jħoss li l-ammont li qed jiġi mitlub minnu huwa esaġerat. Jgħid ukoll li xi wħud mill-irċevuti preżentati m'għandux jagħmel tajjeb għalihom hu.

**Konsiderazzjonijie**t

It-Tribunal, kif presjedut, diġa kellu okkażjoni f'diversi sentenzi b'fatti speċje simili jirrimarka illi l-pika u l-inkejja bejn il-ġenituri f'dak li huma bżonnijiet tal-ulied xejn ma huma ta' min ifaħħarhom u għandhom iħammru wiċċ min jagħmilhom.

It-Tribunal ikkonsidra illi fil-biċċa l-kbira tal-kuntratti ta' separazzjoni personali konsenswali, l-ispejjeż tas-saħħa u tal-edukazzjoni jinqasmu ugwalment bejn il-ġenituri u dana jservi wkoll bħala mezz biex il-ġenitur li qiegħed jixtri l-oġġetti jillimita ruħu u ma jesaġerax, kwindi jixtri biss dak li huwa bżonnjuż. Fil-każ in eżami, il-partijiet ftehmu mod ieħor u cioe li l-missier waħdu għandu jħallas dawn l-ispejjeż. L-ammont komplessiv mitlub mill-attriċi jista' jidher kbir iżda it-Tribunal qiegħed jikkonsidra li dawn l-ispejjeż ikopru medda ta' tliet snin, u allura l-ammont m'huwiex daqstant kbir kif jista' wieħed jaħseb inizjalment.

Il-konvenut iħoss li ċertu spejjeż, bħal ma huma l-ispejjeż relatati mal-viżta t'għajnejn tal-minuri, m'għandux jagħmel tajjeb għalihom hu u dana peress li ma jaqgħux fl-ambitu tal-artiklu 7 tal-kuntratt tas-separazzjoni personali ġia ċċitat. Fil-fehma tat-Tribunal, ladarba dawn l-ispejjeż m'humiex mertu ta' xi klawżola oħra fl-imsemmi kuntratt, allura dan għandhom jidħlu mal-ispejjeż relatati mas-saħħa u għalhekk jagħmel tajjeb għalihom hu. L-istess fehma dwar il-mediċini, il-konvenut jgħid li huwa

għandu jħallas għall-ispejjeż mediċi u mhux għall-mediċini. It-Tribunal ma jaqbilx u jħoss li dan huwa logħob bil-kliem biex jipprova jaħrab mill-obbligi tiegħu.

Rigward il-mediċini, il-konvenut jallega li dawn jista' tkun qed tgawdi minnhom il-bint l-oħra tal-attriċi, u mhux biss ulied il-konvenut. Pero it-Tribunal iħoss li stante li hemm differenza fl-etajiet tal-minuri, diffiċli li l-mediċini li jkunu tajbin għal uliedu jiġu somministrati wkoll lil din it-tifla ferm iżgħar. Jallega wkoll li l-irċevuti jistgħu ma jkunux ġenwini stante li hu l-attriċi huwa spiżjar jew li hija tingħata xi skont. It-Tribunal iħoss li l-konvenut fil-mument tal-iffirmar tal-ftehim tas-separazzjoni, kien jaf li ħu l-attriċi huwa spiżjar u allura seta kkawtela ruħu għal din l-eventwalita. It-Tribunal sema wkoll lill-istess spiżjar li ġie miġjub bħala xhud u ma jsib xejn dubjuż fil-mod kif dana jbiegħ il-mediċini meħtieġa lil oħtu u kif joħroġ l-irċevuti. It-Tribunal jifhem ukoll l-argument tal-konvenuta li tixtri ċertu mediċini li ma jkunux jeħtieġu preskrizzjoni, għal li jista' jinqala' bħal ma huma mediċini tas-sogħla, tad-deni, *nasal sprays*, soppożitorji.

Rigward l-ispejjeż edukattivi, inkluż l-uniformi, kotba u stationery, il-konvenut jikkritika lill-attriċi għax tixtrilhom ħafna, taħseb kmieni wisq, ma tagħtihx ċans biex jixtrihom irħas jew second hand!! It-Tribunal ma jsib l-ebda ħtija f'dan l-aġir tal-attriċi li tirsisti għal uliedha u taħseb kmieni għal bżonnijiet tagħhom. Wieħed jista' biss jimmaġina x'kritika kienet taqla' l-attriċi kieku l-aġir tagħha kien bil-kontra, li ddum ma taħseb għall-bżonnijiet tagħhom, anke tenut kont li hija għandha tifla oħra!

U finalment dwar l-ispejjeż tas-summer school u tac-childcare. It-Tribunal huwa tal-fehma, bħalma ntqal għall-ispejjeż l-oħra, illi stante li dawn m'humiex mertu ta' xi klawżola oħra fil-kuntratt tas-separazzjoni, huma wkoll għandhom ikunu parti mill-ispejjeż edukattivi tal-ulied. L-attur qal hekk: "Ngħid illi hi tibgħathom is-summer culture club peress li hija taħdem u ma jkollhiex fejn tħalli lit-tfal" – kumment għal kollox sperfluwu għaliex huwa wkoll jaħdem. Jixtieq forsi jirrinunzja għax-xogħol tiegħu u joffri li jibda jżommhom hu t-tfal u jevita l-ispiża?!?

It-Tribunal jifhem il-frustrazzjoni tal-konvenut li jiġi nfaċċat bl-ispejjeż mingħajr ma jiġi kkonsultat dwarhom. Pero l-ispejjeż li tagħhom l-attriċi qed titlob rimbors, huma kollha spejjeż li anke jekk il-konvenut ma jafx dwar in-nefqa partikolari għal kull ħaġa, jaf b'mod ġeneriku li uliedu għandhom bżonnhom, per eżempju jaf li jekk uliedu ser jibdew sena skolastika ġdida jeħtieġu l-kotba u l-*istationery*. It-talba għal spejjeż bħal dawn m'għandhiex tkun ta' sorpriża għalih.

Il-każ in eżami jitratta minn sitwazzjoni fejn it-tfal jgħixu mal-omm u għalhekk wieħed jifhem ukoll l-aġir tal-omm li din tmur tixtri l-mediċini li jkollhom bżonn immedjatament, u mhux ittawwal il-proċess billi tgħidlu dwarhom, tara hux ser jixtrihom hu, jgħaddihomlha etc. Dan kollu mhuwiex prattiku u tenut kont li dawn huma spejjeż ordinarji fit-trobbija tal-ulied, lanqas huwa mistenni li l-attriċi tikkonsulta lill-konvenut dwarhom ta' kull darba.

Dwar l-uniformijiet u bżonnijiet edukattivi, meta kienu miżżewġin, kienet tkun hi li taħseb għal dawn il-bżonnijiet. Hija naturali għaliha li issa wkoll taħseb hi għal dawn il-bżonnijiet, partikolarment għaliex jidher li meta ħalliet f'idejh, it-tfal ma sabux is-siżes kollha.

Lanqas l-attriċi m'hi kuntenta bl-arranġament preżenti u għalhekk jista' jagħmel sens li hija tkun mgħoddija somma sħiħa f'pagamant wieħed għal dawn l-ispejjeż, biex jistgħu jiġu evitati argumenti u kawżi bħal dawn bejn il-partijiet. Fil-fatt, jidher li hemm talba f'dan is-sens quddiem il-Qorti kompetenti.

Filwaqt li t-Tribunal ma jistax jordna għaliex m'huwiex kompitu tiegħu, jista' pero jissuġġerixxi li l-attriċi tgħaddi lura lill-konvenut, il-kotba u uniformijiet li uliedhom ma jkollhomx iktar bżonnhom sabiex dana jipprova jirkupra parti mill-ispejjeż tagħhom billi jbiegħhom second hand.

Il-konvenut iħallas assikurazzjoni tas-saħħa għal uliedu u jgħid li jixtrilhom anke ħwejjeġ u żraben li skont il-kuntratt ta' separazzjoni m'għandux iħallashom hu – xi ħaġa tajba u li tagħmel unur lill-konvenut, iżda li xorta waħda ma tnaqqasx mill-obbligi kontrattwali tiegħu.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u jilqa' t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' elf, disa' mija, erbatax-il ewro u erbgħin ċenteżmu (€1,914.40c), bl-imgħax legali dekorribbli mis-7 ta' Marzu 2013, li hija d-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża, inkluż ta' kwalunkwe mandat ippreżentat kontestwalment, ikunu a karigu tal-konvenut.

**Av. Nadia H. Vella**
Ġudikatur